Il-għada kmieni nstemgħet għajta kbira :
"Oh, l-art ! Oh, l-art !" 'Il b'għod 'il b'għod raw bajja,
X'uħud ukoll lemħu bħal ramla żgħira;
Fehmu li jibqgħu dieħla dritt ġol-plajja.
U refgħu i-ankri; tellgħu fis il-qala',
Hallew it-tmun u b'tama liema bħalha

Għal ġewwa ġrew biex jilħqu l-art ħanina;
'Ma f'daqqa l-mirkeb weħel. O kefrija !
Minn fuq kulħadd għaddiet siegħa ħażina;
Il-għases riedu wkoll ixerrdu d-dmija.
'Ma r-rajjes rażżan minnufih il-ġemgħa,
Filwaqt li Pawlu talab b'ħerqa s-Senra.

Il-mirkeb triegħed... qliel il-mewġ qerriedi;
Itqaċċtu l-qlugħ, il-poppa bdiet titkisser...
Kien wasal dak il-ħin minn Pawlu mniedi,
Hin ta' taqtigħ il-qalb li ħadd ma jfisser.
Bla telf ta' żmien ir-rajjes ġabar niesu,
Heġġiġhom sħiħ biex ħadd ma jaqta' jiesu.

Imbagħ'd fost dawk il-ħalel kiefra nxteħtu,
Min kien jaf igħum, quddiem; l-oħrajn beżgħana
Qabdu ma' xi għewied... lil riżqhom seħtu;
U bdew jitqabdu mal-mewġiet felħana.
Wara ħafna taħbit, Pawlu u l-għawwiema,
Fuq dik ix-xtajta waslu lkoll bis-sliema.

Ferħu tassew. Il-ġemgħa ġiet bi ħġarha
Madwar Pawlu l-qalbien, rasul waħdieni;
U iżżewh ħajr. Imbagħad staqsew bi ħrara :
"Min jaf fejn aħna? X'jismu l-kenn hekk hieni?"
"Malta !" qal wieħed. "Malta !" dwiet il-ħalla...
"Malta", stqarr Pawlu, "l-art imbierka mn'Alla".



Mill-qrib inġabret il-Maltin biex tara
Il-ġemgħa fuq ix-xatt bil-bard mirżuħa;
Hennet għalihom. U kollha ħrara
Qabbdet in-nar. Il-ġemgħat sfat mirbuħa.
Issaħħnu, ferħu, tkellmu fuq il-ġrajja,
Fuq fdal il-mirkeb ħarsu 'l hinn fil-bajja.

Il-bard jiżdied... In-nar beda jintefa,
Hawn Pawlu qabad gozz għollieq u hieni
F'dik il-ħuġġieġa qiegħda tnemnem tefa',
U minnufih in-nar ħeġġeġ ħosbieni.
Bħal leħħa telgħet lifgħa b'semm mimlija,
M'id Pawlu qabdet. "Tiegħu żgur il-ħtija !"

Qalu l-Maltin u dlonk stennewh jistabat...
'Ma Pawlu baqa' wieqaf, ħaj, qalbieni.
Qalu : "Dan alla żgur u f'artna ħabat".
Stagħgbu, qimuh, talbuh id-Dawl waħdieni.
Fil-qrib, fil-b'għod, fis xterdet it-Taħbira...
U f'Malta dan il-Jum jibqa' Tifkira.

---

## FOTOGRAFI FIR-REĊENSJONIJIET

**Min jibgħat xi reċensjoni għal "IL-MALTI" u fiha jkun jixtieq li tidher il-fotografija ta' l-Awtur li għalih issir ir-reċensjoni huwa mitlub li jibgħat lill-Editur ta' "IL-MALTI" (jew lill-Assistent tiegħu) flimkien mar-reċensjoni, *cliché* tal-fotografija li ma jkunx ikbar minn pulzier u 7 linji b'pulzier u 2 linji.**